MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 313/2004

Kawza fil-lista: 30

**A B**
**Vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-partijiet izzewgu fil-11 ta' Awissu 2003 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal; u

Premess illi ghal dan iz-zwieg il-konvenut ta l-kunsens tieghu ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali, jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghal att taz-zwieg, izda l-konvenut ta l-kunsens tieghu bi

skop unikament qarrieqi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u

Premess illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga tieghu u jew b'anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.
Rat li l-konvenut debitament ingunt ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg kuntratt minnha mal-konvenut fil-11 ta Awissu 2003 huwa null fil-ligi fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Il-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi u taghtiha affidament.

Inoltre rrizulta manifest dak li xehed il-Psikjatra Dottor Joseph Vella Baldacchino dwar il-kondizzjoni mentali ta' l-attrici meta qal " .. indunjat li l-livell ta' intelligenza taghha huwa baxx u allura tista' tigi sfruttata jew idahhluha f' xi haga li forsi l-anqas tkun tista' tifhem f' hix inhi diehla……

Hija ghandha ‘a learning disability’ a ‘retardation’….. [u wkoll] Tkun gullible. Fil-fatt ghandha tigi inabilitata for future possibilities li jistghu jirrepetu ruhhom.” [Fosl.25-25].

Il-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma s-segwenti. Fis-sena 2003 persuna identifikata mill-attrici b’ isimha u li tiggestixxi restaurant kienet taghti xoghol zghir lill-attrici u thallasha billi tatiha pakkett sigaretti jew xi haga zghira ohra. Gurnata minnhom din il-persuna qalet lill-attrici biex imorru go post il-Belt u tiffirma xi karti. Hija weghditha li taghtiha s-somma ta’ hames mitt lira maltin [Lm500] bhala kumpens. L-attrici accettat u fil-11 ta’ Awissu 2003 dawn marru l-Insinwa fejn l-attrici, minghajr ma kienet taf ezattament x’ kien qed jigri, izzewwget mal-konvenut, persuna ta nazzjonalita’ Gharbija li qatt ma kienet rat qabel. Wara c-cerimonja dana telaq ghar-rasu u l-attrici ma ratux aktar. Ghalhekk l-attrici mhux talli ma kienitx taf lil min izzewwget, izda tali qatt ma ghexet mal-konvenut u z-zwieg ma giex ikkonsumat. Sussegwentement saru jafu l-genituri ta’ l-attrici, u eventwalment ittiehdu l-proceduri odjerni biex jannullaw iz-zwieg li kien sehh civilment. L-attrici tghid li l-kumpens imwieghed lilha ma kienx inghata.

Stabbilit il-premess il-Qorti tosserva li f’ dan il-kaz tirravviza l-ezistenza taz-zewg capita nullitatis kontemplati fil-paragrafi fuq citati. Jikkonfigura difett serju ta diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali, fil-konfront ta’ l-attrici; u l-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu da parti tal-konvenut li wera bic-car li ghalkemm esternament kien ta l-kunsens tieghu ghaz-zwieg ma’ l-attrici, internament huwa ma kellu ebda intenzjoni li jghix il-hajja mizzewwga maghha, anzi eskluda b’ att pozittiv tal-volonta’ tieghu l-konvivenza matrimonjali ma’ l-attrici, liema intenzjoni tirrizulta manifesta mill-komportament tieghu meta telaq hesrem ghar-rasu hekk kif sehh iz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha; izda in kwantu ghall-ispejjez, stante li mill-kaz irrizulta car li l-konvenut kien in mala fede, filwaqt li l-attrici kienet

mentalment inkapaci li tapprezza s-sitwazzjoni li kienu dahhluha fiha, dina m' ghandhiex tbati spejjez imma ghandu jbatihom biss il-konvenut li esternament ikkuntratta dan iz-zwieg unikament ghal motivi ulterjuri.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fil-11 ta' Awissu 2003. L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------